MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 122/1998/1

**Elmo Insurance Services Limited, in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Julian Zammit Tabona**

**Vs**

**Edwin Pace, Alex Pace u Ivan Pace**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-21 ta' Jannar 1998 li bih is-socjeta` attrici *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-17 ta' Frar 1996 waqt li l-vettura Nru. W - 1564, proprjeta` ta' Julian Zammit Tabona, kienet

ipparkjata go St. Anthony Street, Sliema, gebel provenjenti mill-fond 60 Tigne` Street, Sliema, li tieghu l-konvenuti huma s-sidien, waqa' fuq l-imsemmija vettura u ikkagunalha hsarat ingenti tant li giet dikjarata *beyond economical repair*;

Premess illi l-vettura Nru. W - 1564 kienet assikurata mas-socjeta` attrici *nomine* taht polza *comprehensive*, u l-istess Julian Zammit Tabona, bhala l-assikurat, ghamel *claim* in konnessjoni ma' l-incident fuq riferit;

Premess illi d-danni tas-socjeta` attrici *nomine* kienu jammontaw ghal total ta' hamest elef u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm5013.45c) konsistenti fl-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont din is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha;

Premess illi ghall-incident imsemmi u konsegwenzjali danni kienu jahtu unikament il-konvenuti minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli *in solidum* ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b' konsegwenza ta' l-istess garrbet is-socjeta` attrici *nomine*;

2. Tillikwida d-danni tas-socjeta` attrici *nomine* fis-somma ta' hamest elef u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm5013.45c) jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* biex ihallsu lis-socjeta` attrici *nomine* is-somma ta' hamest elef u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm 5013.45c) jew ammont verjuri bhala risarciment ta' l-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll

spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident, ghal liema ammont is-socjeta` attrici *nomine* giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru 1997 u bl-imghax legali mit-28 ta' Novembru 1997 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici *nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Edwin Pace *et*ipprezentata fl-20 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi preliminarjament il-kawza fuq imsemmija ghandha tigi ddikjarata dezerta a tenur tal-ligi stante illi l-provvedimenti ta' l-Artikolu 963 tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx ottemprati stante li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fi zmien sitt xhur perentorju mill-prezentata tac-citazzjoni odjerna;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess il-gudizzju mhux integru stante li l-proprjeta` in kwistjoni 60 Tigne Street, Sliema kienet tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konvenuti u n-nisa taghhom u ghalhekk ghandhom jigu mharrka wkoll Juliet Pace, Miriam Pace u Marielouise Pace u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi bla pregudizzju ghal premess l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

4. Illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghal hsarat sofferti fil-karozza W – 1564 (M) stante illi l-incident li gara sar b'*Act of God*;

5. Illi bla pregudizzju ghal premess huma mhumiex responsabbli ghal hsarat sofferti mill-attur stante li l-fond in kwistjoni kien mikri lil Risette, Irene u Arthur ahwa Wirth

u lil Ronald Pace Decesare, liema fond l-inkwilini ma riedux jizgombraw minnu peress li bezghu li jitilfu l-kirja u ghalhekk baqghu jokkupaw il-fond;

6. Illi l-konvenuti mhumiex solidalment responsabbli ghal hsarat in kwistjoni;

7. Illi l-azzjoni odjerna ma tistax tissussisti stante li m'hemm l-ebda relazzjoni diretta bejn il-partijiet u ghalhekk m'ghandu jkun hemm ebda risarciment tad-danni kif pretizi mill-assikurazzjoni;

8. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *et* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-decizjoni moghtija fl-14 ta' Lulju 2000 minn din il-Qorti diversament presjeduta, fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti stante illi din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2001 mid-difensur tal-konvenuti;

Rat il-verbali ta' l-udjenzi meta s-socjeta` attrici *nomine* inghatat opportunita` biex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet ghat-trattazzjoni tad-9 ta' Lulju 2001;

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti jqanqlu l-kwestjoni tan-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju billi jikkontendu illi l-proprjeta` li holqot id-dannu u li tat lok ghal-lanjanza tas-socjeta` attrici assiguratrici tappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghalhekk kellhom jigu citati wkoll in-nisa taghhom, ossija Juliet Pace, Miriam Pace u Marielouise Pace. F’dan il-kuntest, kif rizultanti mit-trattazzjoni orali, traskritta a fol. 42 tal-process, huma jinvokaw b’ applikabilita` l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili;

Il-precitat Artikolu 1322 jipprovdi ghas-sitwazzjoni dipendenti minn natura ta’ l-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti. F’ kaz li din tkun biss wahda ordinarja l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek tispetta lil kull wahda mill-mizzewgin (subinciz 1). Invece fejn l-amministrazzjoni tkun wahda straordinarja l-jedd appena imsemmi jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien (subinciz 2). Is-subinciz (3) imbaghad jelenka dawk l-atti li huma *expressis* dikjarati bhala ta’ indoli straordinarji. Huma biss dawk l-atti elenkati mis-subparagrafi (a) sa (m) li ghandhom jitqiesu ta’ natura straordinarja u ghalhekk ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva;

Issa kif drabi ohra ntqal, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju bbazata fuq l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili kif emendat, tinvoka provvediment li hu ta’ ordni pubbliku u l-Qorti hi prekluza milli tinjorah una volta n-nuqqas jigi sollevat u ppruvat anke fejn ikun hemm rinunzja tal-parti. Dan ghaliex jekk hekk taghmel tkun tista’ tkun li qed tippregudika l-jeddijiet ta’ terzi, f’ dan il-kaz tal-konjugi li ma tkunx giet konvenuta fil-kawza u li jkollha kull interess fl-amministrazzjoni tal-beni immobbli milquta bl-ipoteka” – “**John Baptist Tabone *et* –vs- Lucy Micallef *et***”, Appell, 4 ta’ Dicembru 1998;

Minn dan hu dezumibbli illi filwaqt li l-Qorti ghandha iva tokkupa ruhha mill-eccezzjoni minn naha l-ohra ghandha tirrigwarda u tikkonsidra l-materja mill-punto di visto

procedurali entro il-parametri restrittivi mil-ligi stabbiliti fis-subinciz (3) ghall-Artikolu 1322;

Ghall-konvenuti dak li jaghmel l-att ta’ indoli straordinarju huwa l-fatt illi l-gudikat kapaci jaghti d-dritt ta’ ipoteka fuq il-proprjeta` taghhom u dippju l-azzjoni attrici bid-domanda ghar-rizarciment tad-danni hi tendenti biex tikkolpixxi l-proprjeta` u l-jedd jew tgawdija taghha. F’ dan is-sens huma jinvokaw is-subparagrafi (b) u (g) ta’ l-Artikolu 1322 precitat;

Kif taraha din il-Qorti, f’ kaz bhal dan fejn tinsorgi eccezzjoni konsimili, il-kwestjoni ghandha tigi definita u interpretata mill-indoli ta’ l-azzjoni proposta. Fil-kaz prezenti l-indoli ta’ l-azzjoni hi wahda kwazi-delittwuza reintranti f’ materja ta’ danni akwiljani. Il-finalita` ta’ l-azzjoni hi r-rizarciment u l-likwidazzjoni tad-danni subiti fl-incident li fih il-vettura ta’ l-assigurat tas-socjeta` attrici soffriet hsarat ingenti bil-waqa’ ta’ gebel fuqha mill-fond 60 Tigne Street, Sliema, proprjeta` tal-konvenuti u tan-nisa taghhom;

Issa hu veru li l-finalita` tal-kawza kapaci jikkolpixxi anke l-fond fuq imsemmi, meqjus bhala beni tal-komunjoni. Eppure l-att, kif deskritt fic-citazzjoni, ma jistax jigi maghdud bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja li per konsegwenza jesigi ta’ bil-fors l-presenza tal-mara mizzewga u b’ hekk jaghtiha *locus standi in judicio*. Minn imkien mis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 1322 l-att li ta lok ghad-danni ma jista’ jikkwalifika bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja. Huwa biss fil-limiti tad-disposizzjoni applikabbli illi jrid jigi nkwadrat il-kaz biex jista’ jigi accertat jekk il-presenza tan-nisa tal-konvenuti fl-azzjoni prezenti hijiex mehtiega jew le;

Dan naturalment ma jfissirx illi l-immobbli nnifsu ma jbatix u ma jaghmilx tajjeb ghad-djun tal-komunjoni anke jekk naxxenti minn kwazi-delitt. Dan jistabbilih b’ mod l-aktar car s-subinciz (f) ghall-Artikolu 1327 fejn testwalment jipprovdi li tali hu l-kaz dwar “kull dejn jew indenniz dovut

bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indenniz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat jkun sar bir-rieda.”  F’ dan is-sens il-ligi tiddistingwi bejn atti kolpuzi u atti doluzi u bl-istess mod kif kien mahsub taht ir-regim tal-Kodici Civili qabel l-emendi teskludi biss dak id-dejn jew indenniz li r-ragel kellu jaghti bhala danni civili ghal reat li hu jkun ikkommetta volontarjament [Artikolu 1372(2) tal-Kodici Civili ta' l-Edizzjoni Riveduta tal- Ligijiet ta’ l-1942]. Dan kien japplika wkoll fil-kaz li r-reat tikkomettih il-mara (**Vol. XXIII P II p 230)**, u allura anke f’ dan il-kaz “*la moglie e` tenuta verso terzi per riparazioni civili dovuti per reato da lei volontariamente commesso ma solamente coi proprii beni e non mai con quelli rientranti nella communione degli acquisti*” (**Vol. XXIV P IV p 946**; ara wkoll **Vol. XXXVIII P II p 604**);

Dan kollu premess din il-Qorti ma tarax kif xi wahda mill-alternattivi vizwalizzati taht l-Artikolu 1322 (3) tista’ tghodd ghal kaz.  Konsegwentement gjaladarba l-kaz ma jissubentrax taht l-ebda wahda mis-subparagrafi f’ dan id-dispost kontemplati l-eccezzjoni moghtija ma tistax tircievi favur, anke jekk hu rikonoxxut l-interess tan-nisa mizzewga in materja.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju billi tichad l-istess u b’ hekk tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghad-9 ta’ Jannar 2004.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------